**Laqgha Numru 04/K6/2011**

**Introduzzjoni**

Ir-Raba' Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 16 ta' Frar 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Lauro Fava ***(li wasal tard fil-5.43pm)***, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Fuq talba tal-Kunsill kienet prezenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-sinjura Romina Perici Ferrante.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-8 ta' Frar 2011. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Financial Statements 2010.**

## 01. Approvazzjoni tal-Financial Statements 2010.

1.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li ghal kull laqgha tal-Kunsill tibda tinghata kopja tad-dokumenti kollha relatata printjati. Il-kelliema staqsiet ukoll ghala ma kienx hemm noti ghall-laqgha.

1.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kif mitlub, id-dokumenti kienu kollha mibghuta lill-membri tal-Kunsill permezz t'email. Dwar in-noti, il-kelliem wiegeb li dawn kienu jsiru mis-Sindku fejn ghal din il-laqgha ma kien provda ebda noti.

1.03. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Accountant Romina Perici Ferrante sabiex taghti spjegazzjoni tal-Financial Statements ghas-sena finanzjarja 2010.

***1.04. Fil-5.43pm, waqt li kienet qed issir l-ispjega mill-Accountant Romina Perici Ferrante, wasal il-Kunsillier Lauro Fava.***

1.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet meta gie preparat id-dokument u meta kellu jigi pprezentat lill-Kunsill, minhabba li l-Kunsill kien qed jiltaqa' b'urgenza.

1.06. L-Accountant Romina Perici Ferrante nfurmat lill-Kunsill li dan id-dokument ghandu jigi pprezentat lin-NAO sal-21 ta' Frar 2011.

1.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa li l-Kunsill kien jaf fl-ahhar ta' Dicembru 2010 bl-iskadenzi tad-dati sa meta kellu jigi sottomess id-dokument.

1.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li dan ifisser li l-Kunsill ma kienx kapaci jaghmel il-preparamenti necessarja minn Dicembru 2010, meta saru laqghat ohra tal-Kunsill fil-gimghat li ghaddew u hemm laqgha ohra fil-gimgha li gejja. Il-kelliema qalet li l-Kunsill ghalhekk ghandu l-haddiema fl-ufficcju halli jippjanaw ix-xoghol.

1.09. Is-Sindku Joe Zammit qal li d-dokument ma setax jitressaq qabel minhabba li ma kienx ghadu gie konkluz. Il-kelliem qal li x-xoghol qed jigi ppjanat tajjeb.

1.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li din hija redikola u inefficjenza tal-Kunsill li ssir laqgha b'urgenza fuq suggett li l-Kunsill kien ilu jaf minn Dicembru meta kellu jkun sottomess.

1.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-dokument kien finalizzat mill-Accountant tal-Kunsill nhar l-10 ta' Frar 2011, wara process twil u rigorus li sar dwar l-Assi tal-Kunsill. Il-kelliem qal l'immedjatament meta kien ircieva d-dokument b'email, kien iccirkolah lill-membri tal-Kunsill nhar San Pawl, l-10 ta' Frar.

1.12. Wara xi mistoqsijiet u kjarifici li saru, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements ghas-sena finanzjarja 2010 kif ipprezentati. **(Ara dok. A)**

1.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.15. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-6.00pm.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***